# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Novembru 2014

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex kull min ibati bis-solitudni jħoss lil Alla viċin tiegħu u l-wens tal-oħrajn.**

**Ninġabar:**

Insib post komdu u nikkwieta, waqt li fis-skiet nisma' l-ħsejjes ta' madwari. Issa li nħossni fil-paċi miegħi nnifsi nagħraf lil Alla viċin tiegħi. Għal ftit mumenti ngawdi l-preżenza ta' Alla fis-solitudni. Naħseb u niftakar f'dawk l-affarijiet u l-persuni li jsebbħuli ħajti.

**Fatt ċkejken:**




Waħdu bilwieqfa, Jan beda jħares lejn it-tfal l-oħra, jgħarrex biex forsi jilmaħ xi wiċċ jitbissimlu. Iżda beża' li ma kien se jara lil ħadd jidħaqlu. Biex itaffi xi ftit mill-ansjetà li ħakmitu, ftakar fi kliem ommu: li issa kien kiber biżżejjed biex ma jibżax meta jsib ruħu waħdu. Madankollu fil-fond ta' qalbu xtaq li qatt ma kien inqala' dan il-bżonn li jbiddel l-iskola.

Jan għadu kif għalaq tmien snin. Huwa jgħix flimkien ma' ommu u ma' oħtu. Missieru jaħdem barra.

Hekk kif daħal fil-klassi l-ġdida, l-għalliema wrietu fejn kien postu, u għamlet sinjal lill-istudenti l-oħra. Il-biża' li kellu Jan malajr inbidlet f'sorpriża sabiħa hekk kif sħabu taw bidu għal attività ħelwa, ippreparata sew minn qabel, biex jagħtuh merħba. It-tifel nesa għalkollox il-biża' u s-solitudni ta' filgħodu. Issa tgħidx kemm kien kuntent!

Jan kien imdorri jħossu beżgħan u waħdu. Kien jimmaġina li missieru, imsiefer, ukoll kien iħossu waħdu fuq ix-xogħol. Bil-lejl, spiss kien jitlob biex missieru ma jbatix is-solitudni meta jħossu waħdu 'l bogħod mill-familja. U t-talb kien iserrħu.

**Naħseb ftit:**

Għaliex taħseb li ħakmitu l-ansjetà lil Jan?

Taf b'xi sitwazzjonijiet oħra fejn il-persuni jbatu minħabba li ma jsibu lil ħadd jitbissmilhom ftit?

Taqbel ma' omm Jan meta qalet li m'għandniex nibżgħu meta nkunu weħedna?

**Nitlob:**

Mulej Alla, taffilna l-biża' tas-solitudni. Mexxina int biex insibu l-paċi tal-preżenza tiegħek, speċjalment meta dawk li nħobbu jkunu 'l bogħod jew ma jġibuniex daqs kemm nixtiequ. Ħu ħsieb, nitolbuk, ta' dawk li nħossu n-nuqqas tagħhom.

**Kliem ta' dawl:**

Fil-jum li tħossok waħdek, Alla jkun xewqan biex iqatta' ftit ħin bil-kwiet miegħek. - Criss Jami

**X'nista' nagħmel:**

Meta nħossni waħdi niftakar li s-skiet tas-solitudni jagħtini ċ-ċans napprezza dak il-ġid li sirt nieħdu bħala drawwa u ma nagħtihx importanza. Qalb grata ġġib magħha l-paċi u l-ferħ.